MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1043/2003

Kawza fil-lista: 32

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress li l-partijiet izzewgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ April tas-sena elf, disa’ mija u sebgha u disghin (1997) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

U peress li dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-attrici inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-konvenut li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

U peress li l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-istess;

U peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’ anomalija psikolgika serja li taghmilha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

U peress li ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla ebda effett skond il-Ligi, b’ mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (c) u (d) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Jghid il-konvenut il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f’ Malta fis-26 ta’ April 1997 huwa null u bla effett skond il-Ligi, b’ mod partikolari a tenur tas-sub-incizi (c) u (d) tas-subartikolu wiehed (1) tal-Artikolu dsatax (19) tal-Att dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta) u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent jaqbel li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ April tas-sena elf, disa’ mija u sebgha u disghin (1997) huwa null u bla effett skond il-Ligi, u dan unikament billi l-kunsens tal-kontendenti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll billi l-kunsens tal-istess partijiet kien vizzjat peress li nkiseb bl-

eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

2. Illi ghaldaqstant l-eccipjent m' ghandux ibati l-ispejjez ta' din l-istanza.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kkuntrattat mal-konvenut fis-26 ta' April 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-kontendenti kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, dak ta' l-attrici kien inkiseb fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d] ta' l-istess artikolu.

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel mat-talba ghan-nullita' taz-zwieg, jeccepixxi li ghal dan huma responsabbli z-zewg kontendenti fit-termini tal-paragrafu [f] u ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d].

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-26 ta' April 1997 meta allura l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 24 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin erba' snin. Fl-1 ta' Frar 2000 twieled tifel mir-relazzjoni extra matrimonjali li kellha l-attrici. Wara konvivenza matrimonjali ta' sitt [6] snin, il-partijiet isseparaw de facto meta fl-1 ta' Mejju 2003 hija abbandunat id-dar konjugali flimkien mat-tifel taghha.

Illi l-versjoni attrici hija fis-sens li minn qabel iz-zwieg hija kienet innotat li l-konvenut kellu karattru totalment

differenti minn taghha u kien bniedem dghajjef hafna u kien immatur hafna;  u li kien jidher car li kien imfissed hafna minn ommu.  Hija tghid ukoll li "konna ghadna gharajjes, qatt ma kien jidher li huwa kellu gibda sesswali lejja."[1]

Hija tilmenta mis-sikkatura li kienu jezercitaw il-genituri taghha fuqha rizultat ta' dixxiplina zejda u ghalhekk "jiena kont nixtieq hafna li nizzewweg, mhux ghax kelli xi mhabba lejn C, imma ghax iz-zwieg kont inhares lejh bhala bieb ghall-liberta' tieghi."[2]

L-attrici tghid ukoll li minn sena qabel iz-zwieg hija kienet indunat li l-konvenut kien ibati minn dizordni psikologiku li wara rrizzulta li kienet il-kondizzjoni maghrufa bhala 'obsessive compulsive disorder' bil-konsegwenza li dana kellu fissazzjonijiet akuti fuq diversi affarijiet u sitwazzjonijiet.  Inoltre, it-trattament bil-pilloli preskritti mit-tabib u mill-psikjatra kellhom bhala konsegwenza taghhom tnaqqis fil-libidu tal-konvenut, u ghalhekk, anke wara z-zwieg, skond l-attrici, ir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom kienu ftit. Tghid: "Mill-bidu nett tal-hajja mizzewga taghna r-relazzjoni intima ta' bejnietna kienet fqira hafna, u ftit li xejn kien ikollha x' naqsmu.  Anke l-ftit drabi li konna nkunu ntimi dan kien ikun fuq insistenza tieghi ghax [il-konvenut] qatt ma wera ebda hajra."[3]

Illi apparti minnhekk matul il-konvivenza matrimonjali l-konvenut kien ihalli kollox f' idejn l-attrici li allura, apparti mix-xoghol full time taghha, kien ikollha tlahhaq max-xoghol kollu tad-dar, filwaqt li l-konvenut, wara x-xoghol jew meta kien ikun off, ma kien jaghmel xejn. Tispjega kif meta kien jigi mix-xoghol kien jintefa' fis-sodda jisma' l-muzika jew jghaddi l-hin jilaghab bil-playstation. "Kien jinjora totalment il-hajja mizzewga taghna. Jiena kont nippreparalu kollox, u hu kien isib kollox lest qisu qed jghix go xi hotel."

[1] Aff. Fol.18 *et seq.* – sottolinear tal-Qorti
[2] Sottolinear tal-Qorti
[3] Sottolinear tal-Qorti

Hija tghid li wara circa sena u nofs miz-zwieg hija kienet dahlet f’ relazzjoni extra matrimonjali ma’ ragel iehor li minnu eventwalment harget tqila.

L-attrici tghid li bejn il-partijiet “qatt ma kien  hemm ebda relazzjoni normali ta’ bejn zewg mahbubin” la qabel iz-zwieg u lanqas wara.

Illi minn naha tieghu l-konvenut jghid li l-attrici “dejjem ghamlet dak li jkollha f’ mohha, u b’ hekk injorat lil kulhadd u zzewgina”[4] nonostante li kemm il-genituri taghhom kif ukoll il-hbieb taghhom kienu jghidulhom biex ihallu ftit zmien iehor jghaddi qabel ma jizzewgu peress li l-attrici kienet ghadha zghira.  Huwa jghid li fl-gherusija, ghalkemm kien ikollhom intimita’, “kont naf sa fejn kelli nieqaf” u dana minhabba li kellu trobbija nisranija tajba.

Huwa jiddeskrivi l-hajja matrimonjali bhala “wahda normali ghall-bidu, anke f’ dik li hi hajja intima.”; u meta l-attrici taghtu l-ahbar li kienet tqila “jiena mill-ewwel hadt din l-affari b’ dedikazzjoni u serjeta’ kbira. Jiena qist ruhi fortunat ghax dejjem kelli xewqa li nsir missier. Waqt it-tqala kont nghinha u naqdi l-affarijiet kollha mehtiega sabiex ma nhallihiex tbati, specialment minhabba t-tarbija sabiex ma jigri xejn.”  Huwa jsostni li kien jiehu sehem qawwi fit-trobbija u fil-kura tat-tifel.

Jghid: “Niftakar li l-ewwel xhur kienu iebsin hafna ghalija, peress li kelli sehem kbir fil-kura tat-tifel, fejn kont nahslu, nbennu u nitimaw peress li marti kienet marida u kellha bzonn is-support tieghi…. Kont nippartecipa bis-shih fl-edukazzjoni tieghu, u kont niehdu wkoll il-quddies, peress li l-attrici ] ma kinitx tkun trid tigi l-quddies.”  Huwa jispjega li martu kienet tbati mill-marda maghrufa bhala ulcerative colitis.

Illi rigward il-marda li kien ibati minnha l-konvenut, huwa jghid li din kienet kagun ta’ tensjoni zejda; izda “madankollu jiena xorta wahda kont naghmel hilti f’ dawn ic-crikustanzi difficli sabiex nkompli naqdi d-dmirijeit bhala

[4] Aff. Fol.31 *et seq.*

missier u ragel mizzewweg.";  u li din il-kondizzjoni ma kinitx gravi, tant li minkejja l-problemi kollha li nqalghu fiz-zwieg jiena rnexxieli neghleb din il-kondizzjoni.

Il-konvenut jispjega li meta twieled it-tifel, l-attrici ma riditx ikollha relazzjonijiet sesswali aktar mieghu, u dan sakemm abbandunat id-dar konjugali meta l-minuri kellu tlett snin u nofs. Huwa jispjega kif, wara t-twelid tat-tifel l-attrici kienet tohrog "hrug sfrenat" u tirritorna lura meta jisbah. Sussegwentement kienet dahhlet habiba taghha toqghod maghhom, u skond il-konvenut dan kienet ghamlitu bi skop ulterjuri. Il-konvenut jghid li matul il-konvivenza matrimonjali l-attrici kienet tohrog ma' rgiel ohra, u esebixxa ittri b' kontenut amoruz in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi huwa ta' certu relevanza ghall-finijiet ta' l-ezami odjerni dak li xehed[5] il-konvenut in kontro ezami fis-6 ta' Dicembru 2006 fejn ammetta li l-kondizzjoni psikologika li kellu kienet bdiet qabel iz-zwieg, u li z-zewg partijiet kienu konxji taghha, u anke wara li zzewgu huwa baqa' bl-istess kondizzjoni, ghalkemm eventwalament beda jaqleb ghall-ahjar. Huwa jghid li "meta zzewwigt jiena kont ghadni that is-side effects ta' dawn il-pilloli u kont <u>fil-bidu</u> tat-trattament tieghi." Jghid ukoll li: "kien hemm mumenti fejn il-pilloli kienu qed ikollhom effett fuq il-hajja sesswali taghna.  Dawn il-pilloli kellhom effett li jnaqqsuli l-aptit li jkolli relazzjoni sesswali." Izda jghid ukoll li kien hemm nuqqas ta' attivita' sesswali bejniethom, anke meta l-attrici bdiet issofri mill-kondizzjoni fuq imsemmija.

Illi din il-Qorti, wara ezami rett u valutazzjoni tal-provi, hija tal-fehema li f' dan il-kaz iz-zewg partijiet ma fehemux u ma gharfux l-import tal-hajja konjugali, id-drittijiet u d-dmirijiet, li din necessarjament iggib. Il-Qorti issibha difficli li taghti affidament lill-affermazzjoni tal-konvenut li "il-hajja mizzewga taghna kienet <u>wahda normali u felici</u> ghall-bidu, anke f' dik li hi hajja intima." u dana tenut kont tal-fatt li jirrizulta ghal din il-Qorti li kien hemm nuqqas kbir ta'

[5] Fol.84

relazzjonijiet intimi bejn il-partijiet, kemm qabel, kif ukoll wara z-zwieg, liema fattur zgur li kellu piz kbir biex ikompli jdghajjef ir-rabta konjugali ta' bejn il-partijiet, partikolarment fil-bidu tal-konvivenza matrimonjali, meta l-partijiet kellhom 20 u 24 sena rispettivament.

Il-Qorti thoss li l-partijiet ma fehmux l-import tal-fatt li jikkuntrattaw zwieg, bl-obbligu essenzjali tal-prokreazzjoni tat-tfal, meta dawna, partikolarment l-attrici, izzewgu ta' eta' zghira u fil-kuntest tad-dizordni psikologiku li minnu kien qed isofri l-konvenut, u li t-trattament ghalih kien fil-bidu meta l-partijiet izzewgu. Jidher li kien tard wisq ghall-attrici meta rrealizzat li hi ma setghet tibqa' tghix aktar mal-konvenut f' dik is-sitwazzjoni ; bir-rizultat li wara sentejn tal-hajja konjugali hija dahhlet f' relazzjoni extra konjugali ad insaputa tal-konvenut, kellha tifel minn haddiehor, u ghall-tlett snin u nofs hbiet lill-istess konvenut, allura zewgha, il-paternita' vera tat-tifel taghha, liema paternita' hija zvelat lill-konvenut biss, tramite l-Avukat taghha, fil-11 ta' Settembru 2003 meta kienu wasslu biex jiffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni personali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255; izda l-grad tar- responsabbilita' ta' kull parti ghal din in-nullita' huwa differenti. Il-Qorti thoss li, ghalkemm il-kondizzjoni <u>akuta</u> tal-konvenut, kif jirrizulta mill-provi, kienet tali li pprivatu mill-ghazla libera li jghati l-kunsens matrimonjali, stante li fil-mument tal-ghoti ta' dan il-kunsens, mohhu kien mahkum minn dik il-kondizzjoni li kienet irrendietu skjav ghall-fissazzjonijiet li newwehlu l-liberta; minn naha l-ohra, l-attrici, apparti milli <u>kienet taf minn qabel</u> iz-zwieg, b' din il-kondizzjoni tal-konvenut, xorta wahda ddecidiet li tizzewweg "<u>mhux ghax kelli xi mhabba lejn [il-konvenut]</u> imma ghax iz-zwieg kont inhares lejh bhala bieb ghall-liberta' tieghi." Fi kliem iehor, l-attrici nqdiet bil-konvenut u bil-hajja tieghu, mhux biex tghix il-hajja matrimonjali mieghu diretta lejn il-benessere reciproku, izda sabiex takkwista l-liberta' taghha kif koncepita minnha.

Din id-disposizzjoni mentali ta' l-attrici ezistenti fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg, wasslitha sabiex wara kwazi sentejn ta' konvivenza matrimonjali mal-konvenut, hija tidhol f' relazzjoni extra matrimonjali 'stabbli' ma' terza persuna, u tinganna lill-konvenut ghall-tlett snin u nofs shah li l-wild li twieled fiz-zwieg kien tieghu meta fil-fatt hija kienet taf li l-verita' kienet mod iehor.

In fine jigi rilevat li l-*capita nullitatis* l-ohra proposti mill-partijiet ma jikkonfigurawx mill-provi; la kien hemm qerq, stante li l-attrici kienet taf bil-kondizzjoni tal-konvenut sa minn qabel iz-zwieg, u lanqas kien hemm simulazzjoni li hija necessarjament eskluza bil-konfigurazzjoni tal-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d].

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' April 1997. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet konguntivamnet, in kwantu ghal tlett kwarti [3/4] mill-attrici u r-rimanenti kwart [1/4] mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------